MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 282/2002/1

**Saviour Attard**

**vs**

**Anthony Vella**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attur fil-11 ta' Marzu, 2002, li *in forza* taghha, wara li eccepixxa illi:

L-attur hu proprjetarju ta' vettura tat-tip KIA bin-numru tar-registrazzjoni TFD-594 ta' lewn ahdar metallic tal-valur ta' cirka sebat'elef lira (Lm7,000) (Dok. A);

L-attur kien ta' l-imsemmija vettura lin-neputi tieghu Jason Azzopardi sabiex dan jaghmel xi xogholijiet ta' modifika

fuq il-pedala tal-gass tal-vettura, u dan madwar tlett (3) snin ilu;

Minn dak-in-nhar sa ftit zmien qabel ma l-imsemmi Jason Azzopardi gie maqtul, l-attur kien dejjem jitlob lid-defunt sabiex jghidlu fhiex waslet il-modifika fil-pedala koncernata;

Dan Jason Azzopardi dejjem kien jghidli illi ghadu fil-process illi jaghmel tali modifiki;

L-attur sar jaf illi din il-vettura inghatat lil certu David Monsigneur u li wara li kien ghamel xi uzu minnha, peress illi dan Monsigneur kien involut f'xi incident awtomobilistiku hadha gewwa l-garaxx tal-konvenut sabiex din tissewwa;

L-attur qatt ma kien jaf u qatt ma awtorizza lill-hadd sabiex din il-vettura tittiehed biex tissewwa fil-garaxx tal-konvenut;

L-attur informa f'aktar minn okkazzjoni wahda lill-konvenut sabiex dan jaghtih il-vettura tieghu, liema vettura huwa ghandu bzonn peress illi din hija wahda ta' natura partikolari peress illi hija ta' ghajnuna ghalih ghaliex huwa bniedem b'disabilita' (Dok. B; Dok. C u Dok. D);

Meta l-attur mar biex jiehu l-vettura *in kwistjoni*, l-konvenut ma riedx jaghtih din il-vettura hawn fuq indikata;

Dan l-agir tal-konvenut hu mhux biss ta' detriment lill-attur, izda qed ikun ta' hsara ghall-istess vettura;

Talab lill-konvenut jghid ghaliex prevja dikjarazzjoni li l-attur hu l-proprjetarju tal-vettura tat-tip KIA bin-numru tar-registrazzjoni TFD-594 ta' lewn ahdar metallic, il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tikkundannah sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din il-Qorti, jikkonsenja lill-attur l-imsemmija vettura tat-tip KIA bin-numru tar-registrazzjoni TFD-594 ta' lewn ahdar metallic; u

2. fin-nuqqas li jaghmel dan fi zmien lilu prefiss l-attur ikun hu stess awtorizzat jirriprendi l-pussess fiziku u materjali ta' l-imsemmija vettura, tkun fejn tkun, inattez kull xkiel jew ostakolu li jista' jaghmel il-konvenut jew xi ditta minnu rapprezentata.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, inkluz dawk tal-mandat ta' qbid numru 456/02, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li *in forza* taghha huwa eccepixxa illi:

1. Huwa mhuwiex legittimu kontradittur f'din il-kawza billi l-vettura *in kwistjoni* ma kienitx fil-pussess tal-eccepjent personalment izda f'idejn is-socjeta' *Tal-Grazzja Autocare Co. Ltd* li kienet giet inkarigata bit-tiswijiet taghha.

2. F'kull kaz l-istess socjeta' *Tal-Grazzja Autocare Co. Ltd, in kwantu* kienet ezegwit xoghol ta' tiswija fuq l-istess vettura, ghandha l-jedd li zzommha sakemm tithallas tax-xoghol taghha, u konsegwentement kwalunkwe ordni biex il-vettura tittiehed mill-pussess tas-socjeta' *Tal-Grazzja Autocare Co. Ltd* ghandha tkun suggetta ghall-hlas shih tal-kreditu tal-istess socjeta' ghall-ispejjez maghmula minnha fuq l-istess vettura.

3. *Inoltre* l-istess vettura ghandha tigi ritornata lill-David Monsigneur bhala l-persuna li kkonsenjata u li ordnat ix-xoghol fuqha.

4. Konsegwentement it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur jallega l-karozza tat-tip KIA Klarus numru tar-registrazzjoni TFD-594 hija proprjeta’ tieghu. Fil-fatt, wera li huwa xtara l-karozza minghand id-ditta *Easysell Kia (Malta) Ltd* fis-16 ta’ Gunju, 1999. Peress li l-attur ibati minn dizabilita’ permanenti, talab u ottjena sussidju minghand il-Gvern; ghalhekk, ghal-karozza li kienet tiswa Lm7,224.35, l-attur hallas Lm5,470. Fost il-kondizzjonijiet tas-sussidju kien hemm li l-attur ma setax jaghmel *transfer* tal-vettura fuq terzi u dan qabel ma jhallas id-dazzju (u dan peress li parti mis-sussidju kien jikkonsisti billi l-attur jigi ezentat milli jhallas id-dazju), u li fi zmien sitt xhur kellu jaghmel il-modifiki necessarji fil-pedala tal-gass minhabba d-dizabilita’ tieghu.

L-attur ha l-karozza tieghu fil-*garage* tan-neputi tieghu, certu Jason Azzopardi, li qallu li kien se jqabad *mechanic* sabiex jaghmel il-modifiki necessarji.

Jidher, li waqt li din il-karozza kienet f’idejn dan Jason Azzopardi, dan ta’ l-ahhar ghadda l-karozza lill-certu David Monsigneur, li kien qed isuqha fit-toroq ta’ Malta, avvolja il-karozza kienet registrata fuq l-attur. Kien hemm zmien ukoll meta dan David Monsigneur hareg polza ta’ assikurazzjoni fuq il-vettura f’ismu.

Waqt li kienet f’idejn dan Monsigneur, jidher li l-karozza kienet involuta f’xi incident u s-Sur Monsigneur dahal il-karozza ghat-tiswija fil-*garage* tal-konvenut. Meta sar ix-xoghol li kellu jsir fuq il-vettura, il-karozza giet ritornata lis-Sur Monsigneur.

Fit-22 ta’ Ottubru, 2001, Jason Azzopardi inqatel, u ghal xi zmien l-attur ma setax jidhol fil-*garage* ta’ dan peress li l-fond kien taht il-kontroll tal-Pulizija. Ftit ta’ granet wara li miet Jason Azzopardi, l-attur sar jaf li l-karozza tieghu kienet involuta f’incident tat-traffiku. Mill-indagini li ghamel sar jaf li l-karozza, dak inhar tal-incident, kienet misjuqa

minn David Monsigneur li kien rega dahhal il-karozza ghat-tiswija fil-*garage* tal-konvenut. L-attur talab li jinghata l-pussess tal-vettura, izda l-konvenut ma riedx, mhux biss ghax kien ghadu ma thallasx ta' xogholu, imma anke ghalhiex hu hass li l-vettura kellu jirritorna biss lill-min ikkonsenjahilu. L-attur talab u ottjena l-hrug ta' Mandat ta' Qbid u talab l-elevazzjoni tal-vettura. Meta l-Marixall tal-Qorti mar biex jeleva l-vettura, sab li fil-*garage* kien hemm ukoll David Monsigneur li beda jghid li l-karozza hi tieghu; meta l-Marixall insista li jiehu l-karozza taht l-awtorita' tal-Qorti, dan Monsigneur beda jaghti hafna daqqiet fuq il-karozza u ghamilha hafna hsara.

L-attur, f'din il-kawza, qed jitlob li jinghata l-pussess tal-karozza tieghu. Il-konvenut, bhala depositarju, qed jghid li hu jista' jirritornha biss lill-min affdahielu.

Din il-Qorti, wara li qieset l-argumenti tal-konvenut, issib li dawn huma imsejsa fuq il-ligi. Kif qalet din il-Qorti fil-kawa "Busuttil vs Busuttil", decisa fl-20 ta' Gunju, 2003, *a tenur* tal-artikolu 1908 u 1909 tal-Kodici Civili, depozitarju li jircievi oggett minghand xi hadd ghandu jrodd dak l-oggett li dak biss li jkun fdahielu, u m'ghandu ebda jedd jindaga dwar jekk minn fdalu l-oggett huwiex jew le s-sid tal-haga. Din id-decisjoni tidderimi mil-ewwel it-talbiet attrici ghax tindika bic-car l-obbligi tal-konvenut bhala depozitarju tal-karozza. Dan l-obbligu fuq id-depozitarju huwa wiehed importanti u determinanti, tant li fil-kawza "Manche' vs Said", decisa minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2003, intqal li d-depozitarju hu obbligat li jrodd dawk l-oggetti lil min ikun fdahom f'idejh, u jekk jonqos minn dawn id-dmirijiet huwa jkun responsabbli tat-telf jew hsara li tali nuqqas igib lil min ghamel id-depozitu.

*Kwindi*, darba jirrizulta li l-karozza giet fdata f'idejn il-konvenut minn David Monsigneur, il-konvenut ma jista jikkonsenjaha lill-hadd jekk mhux lill-istess David Monsigneur. Jekk l-attur, bhala sid il-karozza, irid jiehu lura l-vettura jrid jagixxi kontra David Monsigneur bhala l-pussessur tal-karozza, izda ma jistax jippretendi li d-depositarju jikser il-ligi u jikkonsenja l-vettura lilu u mhux lil min fdahilu f'idejh. Mill-provi mressqa, partikolarment mid-

Dokument ta' Registrazzjoni tal-Vettura u x-xhieda ta' Brian Farrugia, rapprezentant tad-Direttur tal-Licenzji, jirrizulta b'mod car li l-karozza *in kwistjoni* hija registrata fuq isem l-attur, *pero'*, xorta wahda ma ghandu ebda dritt jirkurpra l-karozza minghand depozitarju meta ma kienx hu li kkonsenja l-oggett lid-depozitarju.

Barra minn dan, il-konvenut, bhala depozitarju, qed jinvoka l-*ius retentionis*, li hu d-dritt li taghtih il-ligi li jzomm l-oggett li fuqha jkun ghamel xi xoghol sakemm jithallas ta' xogholu. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Ellul vs Micallef", decisa fl-24 ta' Frar, 1997, hemm dritt ta' *uis retentionis* kull meta dak li jippasiedi oggett ta' haddiehor *"abbia fatto per la cosa posseduta una spesa, della quale ha il diritto di reclamare il pagamento dal propretario"* (Zacchariae Vol II pag. 59). Il-konvenut wettaq xogholijiet ta' tiswija fuq il-vettura, u ghal dan ix-xoghol thallas mill-kumpanija assikuratrici hlief ghas-somma ta' Lm50, li ghaliha ghadu u baqa' skopert. *Kwindi,* l-istess konvenut ukoll mhux tenut jirrilaxxja l-vettura minn taht il-kustodja tieghu qabel ma jithallas dak kollu dovut lilu.

Din il-Qorti tissimpatizza mas-sitwazzjoni li sab ruhu fiha l-attur, *pero'*, sfortunatament qed jitlob rimedju kontra l-persuna l-hazina, ghax din ghandha relazzjoni kontratwali ma David Monsigneur biss, u l-konvenut, bhala depozitarju, ghandu jrodd il-vettura lill-dan u lill-hadd aktar. Ghalhekk, il-Qorti, hlief li tiddikjara li l-attur hu r-*registered owner* tal-vettura tat-tip KIA bin-numru tar-registrazzjoni TFD-594, ma tistax tghaddi biex tilqa' t-talbiet tal-attur.

Jigi precisat li din id-dikjarazzjoni mhiex wahda li tista' torbot *erga omnes*, ghax l-azjoni tal-attur mhix wahda *rei vendicatoria in kontestazzjoni* tal-possessur li qed jirreklama titolu ta' proprjeta' fuq l-istess oggett; il-konvenut f'din il-kawza mhux qed jghid li l-karozza *in kwistjoni* hi tieghu, izda li hu, bhala depozitarju, ghandu jroddha biss lil min fdahilu. Li qed jinghad biss hu li, ghal-fini ta' dawn il-proceduri, l-attur wera li l-vettura *in kwistjoni* kienet u ghada registrata fuq ismu, *pero'*, b'daqshekk ma jintitolahx jirreklama l-pussess tal-vettura minghand

depozitarju meta ma kienx hu li kkonsenjha. Jekk il-vettura hijiex proprjeta’ tal-attur jew ta’ David Monsigneur, li hekk qed jirriklama, jridu jarawha bejniethom dawn it-tnejn f’gudizzju *ad hoc.*

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut, u tichad it-talbiet tal-attur.

L-ispejjes tal-kawza jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------